# ID-DAWL

SETTEMBRU 2022
WWW.AHMADIYYA.MT
NUMRU 57

"Il-paċi tkun magħkom, għaliex intom kontu sodi; araw kemm hu eċċellenti l-premju tad-Dar."



L-Edukazzjoni | Il-Ksib ta' Paċi | Nagħrfu lill-Ħallieq | It-Tagħlim Universali

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# L-EDUKAZZJONI: IL-PASSAPORT GĦAL FUTUR AĦJAR

*Musawar Ahmad*

Ir-rwol tal-ġenituri u l-għalliema huwa ugwalment importanti fit-taħriġ u l-edukazzjoni tat-tfal. L-ewwel għalliema tat-tfal huma l-ġenituri tagħhom. Jagħtuhom l-imħabba u l-appoġġ li jeħtieġu biex jikbru u jiżviluppaw b'mod b'saħħtu filwaqt li jagħtuhom ukoll ħiliet akkademiċi u tal-ħajja importanti. L-għalliema jipprovdulhom l-edukazzjoni meħtieġa, it-taħriġ professjonali, l-għarfien u l-fehim. Dawn li ġejjin huma ftit suġġerimenti għat-tliet partijiet interessati fil-paradigma tat-tagħlim u l-fehim.

## GĦAJNUNIET GĦALL-ISTUDENTI

Agħmel tabella ta' rutina ta' kuljum u segwiha. Stabbilixxi lista ta' affarijiet. Ipprepara lista ta' għanijiet ta' kuljum, ta' kull xahar u ta' kull sena. Din il-lista ta' affarijiet għandu jkun fiha affarijiet bħal xogħol tal-iskola, xogħol tad-dar, attivitajiet tajbin għas-saħħa bħall-isports u l-eżerċizzju, il-preparazzjoni tal-eżamijiet, u l-isforzi artistiċi, eċċ. Stabbilixxi ambjent ta' studju rilassanti u mingħajr distrazzjoni. Sib post fid-dar tiegħek li jkun paċifiku fejn tista' toqgħod u tagħmel ix-xogħol tal-iskola u l-istudju ta' kuljum tiegħek. Taħlix il-ħin tiegħek. *Time management* hija ħila kruċjali tal-ħajja li taffettwa l-kisbiet ġenerali tagħna; għalhekk, immaniġġja l-ħin tiegħek tajjeb.

**ID-DAWL**

Settembru 2022 – Numru 57 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

**INDEX**

| | |
|---|---|
| Education | 02 |
| Eternal skies of peace (ii) | 04 |
| Only path to salvation | 06 |
| Recognizing the Creator | 06 |
| The universal teaching | 07 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Vitalinka | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

## SUĠĠERIMENTI GĦALL-ĠENITURI

Strateġija eċċellenti biex it-tfal jitpoġġew fil-moħħ it-tajjeb għas-sena skolastika li ġejja hija li tħeġġiġhom jistabbilixxu għanijiet u jerfgħu r-responsabbiltà. Huwa importanti ħafna li tkunu tafu l-kurrikulu tat-tfal tagħkom u tkunu konxji ta' dak li se jistudjaw sabiex tgħinuhom kif xieraq. Waħda mill-affarijiet li jistgħu jagħmlu l-ewwel ftit jiem tal-iskola ta' sfida hija r-rutina tal-vaganzi li jorqdu tard billejl u jqumu tard filgħodu. Allura, ibdlu dik ir-rutina tat-tfal u ibdew adottaw ir-rutina tal-iskola ftit jiem qabel tibda l-iskola. Fittxu metodi biex tagħmlu l-affarijiet pjaċevoli għat-tfal tagħkom.

## SUĠĠERIMENTI GĦALL-GĦALLIEMA

Li tkunu tafu lill-istudenti tagħkom huwa importanti ħafna, għalhekk agħmlu ftit ħin tajjeb matul l-ewwel ġimgħa tal-iskola biex tkunu tafu sew lill-istudenti tagħkom. Agħtu merħba sabiħa u sellmu lill-istudenti billi tiktbulhom ittra jew messaġġ ta' malajr li jesprimi l-eċċitament tagħkom lejn l-istudenti. Spjegaw b'mod ċar li l-istudenti jkunu konxji tar-regoli tal-klassi u li huma mistennija biex jipprattikaw dawk l-istandards mill-ewwel jum. Ibdew bil-mod u mbagħad żidu gradwalment it-tagħbija tax-xogħol sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jadattaw għal rutina ġdida bla xkiel.

Biex nikkonkludi, l-istudenti, il-ġenituri u l-għalliema huma kollha partijiet importanti ħafna, għalhekk, kulħadd għandu jerfa' r-responsabbiltà tiegħu u għandu jipprova jagħti l-mija fil-mija tiegħu, u jaħdem id f'id biex is-sena akkademika tkun esperjenza mill-isbaħ u memorabbli.



# IL-KSIB TA' SMEWWIET ETERNI TA' PAĊI

Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Mexxej Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, għal ħafna snin qed isejjaħ lid-dinja lejn il-paċi u l-armonija fid-dinja. Hawnhekk qed nippreżentaw parti minn wieħed mid-diskorsi tiegħu fejn elabora xi punti importanti ħafna għat-twaqqif ta' paċi dejjiema fid-dinja.

## L-IMMIGRAZZJONI

Kwistjoni oħra li hija kawża ta' frustrazzjoni u li ġiet użata ħafna drabi biex jinqala' l-inkwiet f'ħafna partijiet fid-dinja, inkluż fil-Ġermanja, hija l-immigrazzjoni. Minkejja li hija suġġett polemikuż, il-verità hija li l-immigrazzjoni fil-fatt hija neċessità indispensabbli għall-ekonomiji b'saħħithom.

Pereżempju, studju riċenti mill-Fondazzjoni Bertelsmann sab li biex tintlaħaq id-domanda bażika tax-xogħol fil-Ġermanja, 260,000 immigrant huma meħtieġa kull sena li jabitaw f'dan il-pajjiż biex jevitaw li jkun hemm waqfien tax-xogħol.

Ir-rapport ikompli jispjega li minħabba ż-żieda fl-età tal-popolazzjoni l-ħaddiema fil-Ġermanja probabbli jonqsu b'terz – jew 16-il miljun ruħ – sal-2060 mingħajr l-immigrazzjoni. Għalhekk, li twaħħal fl-immigranti għall-problemi kollha ta' pajjiż huwa għalkollox inġust u l-verità hija li ħafna pajjiżi sinjuri tal-Punent ikunu f'qagħda mwiegħra mingħajr l-immigrazzjoni.

Ir-realtà hija li l-pajjiżi kollha jiddependu minn xulxin u li issa qed ngħixu f'dinja dejjem iżjed interkonnessa u globalizzata. Minflok li nfittxu li noħolqu l-ostakli jew li niżolaw lilna nfusna, huwa essenzjali għall-pajjiżi u n-nies ta' sfond differenti li jikkooperaw u jaħdmu flimkien għall-ġid komuni. Minħabba f'hekk, il-gvernijiet għandhom iħejju pjanijiet sura ta' nies biex jassiguraw li l-pajjiżi jaħdmu f'armonija ma' xulxin, u li, f'livell domestiku, l-immigranti jiġu megħjuna biex jassimilaw u jintegraw ruħhom.

# IS-SITWAZZJONI FIL-LVANT NOFSANI

Għal għexieren ta' snin, is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani kienet waħda instabbli u vjolenti. Ftehimiet ta' paċi bla għadd li fittxew li jkun hemm qbil fin-negozjati bejn l-Iżrael u l-Palestina ġew u marru, kollha mingħajr suċċess. Ftit taż-żmien ilu, kien hemm ħafna spekulazzjoni dwar pjan ġdid għall-paċi li jingħad li tħejja mill-Istati Uniti u l-alleati tagħha. Madanakollu, anki qabel ma jiġi formalment imħabbar, il-politikanti u l-esperti qed jgħidu li dan il-pjan ġdid huwa miżgħud bl-inġustizzji u għaldaqstant ma jistax jikseb riżultati pożittivi. Fil-fatt, qabel ma rtira riċentement, l-Ambaxxatur Franċiż għall-Istati Uniti, Gerard Araur, stqarr li l-pjan disgħa u disgħin fil-mija 'huwa kkundannat li jfalli'.

Għalhekk, il-paċi fid-dinja hija mhedda minn għadd ta' fatturi, bħall-politika egoistika ta' ħafna mexxejja u gvernijiet li jpoġġu l-interessi personali u nazzjonali qabel il-ġustizzja u l-ugwaljanza. Din l-inġustizzja qatt ma tista' twassal għall-paċi u l-prosperità.

L-istudji u l-artikli differenti li semmejt juru li l-ħtija tan-nuqqas ta' paċi u sigurtà fid-dinja ma tistax tintefa' fuq xi reliġjon partikolari, la l-Iżlam u lanqas twemmin ieħor; x'aktarx li hemm għadd ta' kwistjonijiet ekonomiċi, ġeopolitiċi u soċjali li kollha qed jikkontribwixxu biex ma tiġix stabbilita l-paċi fid-dinja.


Pictrider - Shutterstock

# MOGĦDIJA WAĦDA GĦAS-SALVAZZJONI


Olesia Bilkei - Shutterstock

**F'dan il-waqt kritiku fl-istorja, jiena nemmen b'qalbi kollha li hemm biss ħaġa waħda li tista' ġġib fi tmiem l-isfidi kbar ta' żmienna.**

**Hemm mogħdija waħda li tista' twassalna għas-salvazzjoni u teħlisna minn din id-dinja ta' gwerra u konflitti u dik hi l-mogħdija ta' Alla Omnipotenti.**

**Il-paċi ma tinstabx fis-setgħa jew l-għana, iżda pjuttost il-paċi tinsab fil-benniena ta' Alla Omnipotenti.**

## NAGĦRFU LILL-ĦALLIEQ

**Għaldaqstant, huwa l-ħtieġa tal-mument li l-umanità għandha tagħraf lill-Ħallieq tagħha. Alla Omnipotenti jixtieq li l-umanità, li Hu ħalaq bħala l-aqwa kreazzjoni tiegħu, għandha tgħix fil-paċi u tissodisfa d-drittijiet ta' wieħed lill-ieħor.**

# ID-DISTANZA BEJN L-UMANITÀ U L-ĦALLIEQ

Għalhekk, il-Koran Imqaddes, li huwa l-Ktieb Qaddis tal-Iżlam u s-sors ewlieni tal-liġi Iżlamika, kien, skont it-twemmin tagħna, rivelat minn Alla Omnipotenti lill-Qaddis Profeta Muħammad (is-sliem u l-barkiet t'Alla fuqu) u aħna nikkunsidrawh bħala l-liġi reliġjuża finali li se tibqa' sa Jum il-Ġudizzju. U fil-Koran, Alla Omnipotenti jiddikjara li meta l-firda u d-diżordni jkunu tferrxu fl-irkejjen kollha tad-dinja, il-kawża ewlenija tkun id-distanza dejjem tikber bejn l-umanità u l-Ħallieq tagħha. Fi żminijiet bħal dawn, meta d-dinja tkun resqet lejn xifer diżastruż, bis-saħħa tal-grazzja u l-ħniena infiniti Tiegħu, Alla Omnipotenti jibgħat lir-rappreżentanti magħżula Tiegħu biex iqarreb lill-umanità mill-ġdid lejn ir-reliġjon.

## IT-TAGĦLIM UNIVERSALI U DEJJIEMI

Fiż-żminijiet tal-qedem, il-Profeti ġew f'diversi partijiet tad-dinja biex jiggwidaw il-poplu tagħhom. Imbagħad, skont it-twemmin tagħna, fl-aħħar nett, Alla Omnipotenti bagħat lill-Qaddis Profeta Muħammad (is-sliem u l-barkiet t'Alla fuqu) b'tagħlim universali u dejjiemi ħalli jirriforma spiritwalment u moralment l-umanità kollha. Aħna l-Musulmani Aħmadin nemmnu li f'din l-epoka, Alla Omnipotenti bagħat lill-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana bħala riformatur ħalli jiggwida lill-umanità u jdawwal mill-ġdid it-tagħlim ġenwin tal-Iżlam li maż-żmien ġie abbandunat u mħassar. Huwa ntbagħat biex juri kemm lill-Musulmani kif ukoll lil dawk li mhumiex li l-Iżlam huwa reliġjon ta' paċi, rikonċiljazzjoni, fraternità u ħbiberija u li Alla Omnipotenti xtaq li l-umanità tgħix fil-paċi u li n-nies kollha jissodisfaw id-drittijiet tal-Ħallieq tagħhom u tal-proxxmu kollu. Għal ħafna drabi, il-Messija Mwiegħed (is-sliem fuqu) enfasizza li mhux possibbli li wieħed jissodisfa d-drittijiet t'Alla, mingħajr ma jaqdi d-drittijiet tal-kreazzjoni Tiegħu. Tassew, il-Koran Imqaddes jasal biex jistqarr li t-talb u l-qima ta' dawk li ma jissodisfawx id-drittijiet tal-ħolqien t'Alla ma jkunux stmati u jiġu mwarrba minn Alla Omnipotenti.

# ISSIB REFUĠJU TAĦT ID-DELL TA' ALLA

Il-Messija Mwiegħed (is-sliem fuqu) sejjaħ lill-umanità biex issib refuġju taħt id-dell ta' Alla Omnipotenti, ħalli tinħeles minn kull forma ta' ġlied u periklu. Madanakollu, huwa widdeb li jekk l-umanità tfalli fid-dmirijiet tagħha li tagħraf lill-Ħallieq tagħha, mela se tkun f'riskju kbir. **Huwa qal li minkejja l-qawwa, ir-rikkezzi u s-setgħa li għandhom, la l-Ewropa u lanqas l-Amerika ma jkunu siguri mid-distruzzjoni. U lanqas l-Asja, l-Awstralja, il-gżejjer u kull parti oħra tad-dinja.**

Fid-dawl ta' dan kollu, nitlob minn qalbi biex l-umanità tasal biex tagħraf lill-Ħallieq tagħha u toqrob lejH, aktar milli tkompli temmen li din id-dinja materjali bl-attrazzjonijiet u l-kumditajiet tagħha hija l-aqwa forma ta' eżistenza. Hija t-tama u t-talba ferventi tiegħi li n-nies tad-dinja jaslu biex jifhmu l-obbligi tagħhom lejn il-Ħallieq tagħhom u lejn il-proxxmu tagħhom, ħalli d-dinja tkun tista' ssir ġenna ta' paċi li lkoll kemm aħna nixxennqu u nemmnu fiha b'mod naturali.

Nitlob li aħna nkunu ta' eżempju pożittiv għal dawk kollha li jsegwuna ħalli l-ġenerazzjonijiet futuri jfittxu li jgħixu fil-paċi, minflok li jkunu huma li jinċitaw aktar kunflitti u firda u li għalihom it-toroq kollha li jwasslu għall-prosperità u s-suċċess ikunu magħluqa.

**Nitlob ħalli s-sħab iswed tal-gwerra u l-mibegħda li qiegħed jiċċirkondana b'mod heddiedi jgħib u jinbidel bi smewwiet eterni blu ta' paċi u prosperità f'kull parti tad-dinja.**

Nittama li Alla Omnipotenti jgħin lill-umanità biex issalva lilha nnifisha minn diżastru imminenti billi tfittex Lilu qabel ma jkun tard wisq, Ammen.

L-indirizz tal-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad[aba],
il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**